



Il-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur hija obligatorja meta l-vettura kkonċernata tkun irreġistrata fi Stat Membru u meta ma tkunx ġiet irtirata regolarment mill-użu

Tali obbligu ma jistax jiġi eskluż minħabba s-sempliċi fatt li vettura rreġistrata ma tkunx, f'mument partikolari, adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku tagħha

Fis-7 ta' Frar 2018, il-Powiat Ostrowski (id-Distrett ta' Ostrów, il-Polonja), awtorità lokali Pollakka, sar proprjetarju, b'mod ġudizzjarju, wara deċiżjoni ta' konfiska, ta' vettura rreġistrata fil-Polonja. Wara l-komunikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, fl-20 ta' April 2018, id-Distrett assigura l-vettura sa mill-jum tal-ftuħ li jmiss tal-amministrazzjoni, jiġifieri t-Tnejn 23 ta' April 2018.

Fid-dawl tal-istat tekniku ħażin tagħha, id-Distrett iddeċieda li jibgħat din il-vettura lejn impjant ta' żarmar, għall-finijiet tal-qerda tagħha. Abbażi ta' ċertifikat maħruġ mill-impjant ta' żarmar, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura seħħ fit-22 ta' Ġunju 2018.

Fl-10 ta' Lulju 2018, ġiet imposta fuq id-Distrett multa ta' PLN 4 200 (madwar EUR 933) mill-Ubezpieczeniowy Fundusz Gwarancyjny (il-Fond ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni, il-Polonja) talli naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jikkonkludi kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' din il-vettura matul il-perijodu bejn is-7 ta' Frar u t-22 ta' April 2018 (iktar 'il quddiem il-"perijodu kkontestat").

Id-Distrett adixxa lis-Sąd Rejonowy w Ostrowie Wielkopolskim (il-Qorti Distrettwali ta' Ostrów Wielkopolski, il-Polonja), sabiex jiġi kkonstatat li, matul il-perijodu kkontestat, ma kienx obligat li joħroġ assigurazzjoni għall-vettura. Din il-qorti staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżistenza ta' obbligu li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili ¹ għal vettura rreġistrata fi Stat Membru, li tkun tinsab f'art privata, li ma tkunx adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku tagħha u li, permezz tal-għażla tal-proprjetarju tagħha, tkun intiża li tinqered.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vettura bil-mutur hija obligatorja meta l-vettura kkonċernata tkun irreġistrata fi Stat Membru, meta din il-vettura ma tiġix irtirata regolarment mill-użu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-konklużjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vettura bil-mutur hija, bħala prinċipju, obligatorja għal vettura li tkun irreġistrata fi Stat Membru, li tinsab f'art privata u li tkun intiża li tinqered minħabba l-għażla tal-proprjetarju tagħha, anki meta din il-vettura ma tkunx, f'mument partikolari, adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku tagħha.

¹ L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-kunċett ta' "vettura"² huwa oġġettiv u huwa indipendenti mill-użu li jsir jew li jista' jsir mill-vettura inkwistjoni jew ukoll mill-intenzjoni tal-proprietarju jew ta' persuna oħra li effettivament tintuża.

Issa, l-istat tekniku ta' vettura jista' jvarja maż-żmien u t-tiswija eventwali tagħha tiddependi fuq fatturi suġġettivi, bħar-rieda tal-proprietarju tagħha jew tad-detentur tagħha li jwettaq jew li jordna li jitwettqu t-tiswijiet meħtieġa u d-disponibbiltà tal-baġit neċessarju għal dan il-għan. Konsegwentement, jekk is-sempliċi fatt li vettura ma tkunx, f'mument partikolari, adatta sabiex tintuża jkun biżżejjed sabiex iċaħħadha mill-kwalità tagħha ta' vettura u sabiex din ma taqax taħt l-obbligu ta' assigurazzjoni, in-natura oġġettiva ta' dan il-kunċett ta' "vettura" titqiegħed inkwistjoni. Barra minn hekk, l-obbligu ta' assigurazzjoni³ ma huwiex marbut mal-użu tal-vettura bħala mezz ta' trasport f'mument partikolari u lanqas mal-kwistjoni dwar jekk il-vettura kkonċernata kkawżatx danni. Konsegwentement, l-obbligu ta' assigurazzjoni ma jistax jiġi eskluż mis-sempliċi fatt li vettura rreġistrata ma tkunx, f'mument partikolari, adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku tagħha u, għaldaqstant, adatta sabiex tikkawża dannu, u dan anki jekk dan ikun il-każ sa mit-trasferiment tad-dritt għall-proprietà tagħha. Bl-istess mod, l-intenzjoni tal-proprietarju jew ta' persuna oħra li jeqirdu din il-vettura ma tippermettix fiha nfisha li jitqies li din tiflew il-kwalità tagħha ta' "vettura" u b'hekk ma taqax taħt dan l-obbligu ta' assigurazzjoni. Fil-fatt, il-klassifikazzjoni ta' "vettura" u l-portata tal-obbligu ta' assigurazzjoni ma jistgħux jiddependu minn dawn il-fatturi suġġettivi, peress li jiġu ppreġudikati l-prevedibbiltà, l-istabbiltà u l-kontinwità ta' dan l-obbligu, li l-osservanza tiegħu hija madankollu neċessarja sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-obbligu, bħala prinċipju, li tiġi assigurata vettura rreġistrata fi Stat Membru, li tinsab fuq art privata u li tkun intiża li tinqered mill-proprietarju tagħha, anki jekk, f'mument partikolari, din ma tkunx adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku tagħha, għandu jiġi impost, minn naħa, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, peress li l-intervent tal-korp ta' kumpens għad-danni materjali jew personali kkawżati minn vettura mhux assigurata⁴ huwa previst biss fil-każ li l-konklużjoni tal-assigurazzjoni tkun obligatorja. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tiżgura li l-vittmi jiġu, fi kwalunkwe każ, ikkumpensati jew mill-assicuratur, abbażi ta' kuntratt konkluż għal dan il-għan, jew mill-korp ta' kumpens fil-każ li ma jkunx ġie ssodisfatt l-obbligu ta' assigurazzjoni tal-vettura involuta fl-inċident jew meta din il-vettura ma tkunx ġiet identifikata. Min-naħa l-oħra, hija tippermetti li jiġi osservat bl-aħjar mod l-għan intiż li jiggarrantixxi l-moviment liberu kemm tal-vetturi normalment ipparkjati fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll tal-persuni li jkunu abbord tagħhom. Fil-fatt, huwa biss billi tiġi żgurata protezzjoni msaħħa tal-eventwali vittmi ta' inċidenti kkawżati mill-vetturi bil-mutur li l-Istati Membri⁵ jistgħu jintalbu li jastjenu milli jwettqu kontroll sistematiku tal-assigurazzjoni ta' vetturi li jidhru fit-territorju tagħhom mit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li huwa essenzjali sabiex jiġi ggarantit dan il-moviment liberu.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, sabiex vettura tiġi eskluża mill-obbligu ta' assigurazzjoni, hija għandha tiġi rtirata b'mod uffiċjali mill-użu, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Fil-fatt, għalkemm ir-reġistrazzjoni ta' vettura turi, bħala prinċipju, il-kapaċità tagħha li tintuża u, għalhekk, li tintuża bħala mezz ta' trasport, vettura rreġistrata tista' tkun, b'mod oġġettiv, definittivament mhux adatta sabiex tintuża minħabba l-istat tekniku ħażin tagħha. Il-konstatazzjoni ta' din l-inkapaċità li tintuża u dik tat-telf tal-kwalità tagħha ta' "vettura" għandhom madankollu jitwettqu b'mod oġġettiv. F'dan ir-rigward, għalkemm it-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura tista' tikkostitwixxi tali konstatazzjoni oġġettiva, id-dritt tal-Unjoni⁶ ma jipprevedix il-mod kif vettura tista' tiġi rtirata legalment mill-użu. Għaldaqstant, dan l-irtirar jista', skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, jiġi kkonstatat b'mod ieħor għajr mit-tfassir tar-reġistrazzjoni tal-vettura inkwistjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib

² Il-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103.

³ L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103.

⁴ Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2009/103.

⁵ Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/103.

⁶ Direttiva 2009/103.

soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.